VERŻJONI ELETTRONIKA



Nagħti l-kunsens tiegħi.

**(L.S.)** **DOLORES CRISTINA**
**Aġent President**

3 ta' Ġunju, 2014

**ATT Nru. XVIII tal-2014**

*ATT biex jemenda l-Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa (Kap. 456.).*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2014 li jemenda l-Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa, u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-Att imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Kap. 456.

Emenda tal-artikolu 19 tal-Att prinċipali.

**2.** Is-subartikolu (2) tal-artikolu 19 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Fi proċedimenti taħt is-subartikolu (1) u f'kull proċedimenti oħra li jikkonċernaw l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali quddiem awtorità kompetenti li ma tkunx Qorti msemmija fis-subartikolu (1), meta persuni li jikkunsidraw ruħhom trattati ħażin għaliex il-prinċipju ta' trattament ugwali ma ġiex applikat għalihom jistabbilixxu, quddiem il-Qorti, jew quddiem dik l-awtorità kompetenti, fatti li minnhom jista' jiġi preżunt li kien ingħata trattament inqas favorevoli, direttament jew indirettament, minħabba fis-sess jew minħabba responsabbiltajiet li ġġib il-familja tagħhom, għandu jkun il-konvenut jew il-persuna li kontra tagħha jkunu inġiebu dawk il-proċedimenti li jġibu prova li ma kien hemm l-ebda ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali jew li dak it-trattament inqas favorevoli kien ġustifikat skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, u l-Qorti jew dik l-awtorità kompetenti għandha tilqa' l-ilment jekk il-konvenut jew il-

persuna li kontra tagħha jkunu nġiebu dawk il-proċedimenti ma jġibx prova li hu ma wettaqx att illegali.".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 153 tas-26 ta' Mejju, 2014.

ANĠLU FARRUĠIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

---